MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 56/1996/2

**Anton Cassar**

**v.**

**Mary Anne Attard li b'digriet tad-9 ta' April 1996 giet nominata kuratrici deputata sabiex tirrapprezenta lill-imsiefer**
**Joseph Galea u b'digriet tas-27 ta' Farr 1998**
**Dr Kevin Mompalao LL.D. gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Joseph Galea u Dottor Michael Grech li b'digriet tal-11 ta' April 1996 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra**
**Maria Assunta mart l-istess Joseph Galea u b'digriet**

**tat-30 ta' Settembru 2004 il-kuratur deputat Dr Michael Grech gie sostitwit b'Dr Georgine Grech stante l-mewt ta'**
**Dr Michael Grech fil-mori tal-kawza, u b'nota ta' assunzjoni tas-16 ta' Mejju, 2005, Leeann Galea bhala mandatarja specjali**
**u in rapprezentanza ta' l-istess Joseph Galea u Maria Assunta Galea, it-tnejn imsefrin; u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2007 Joseph Galea assuma l-atti personalment b'mod li ghalhekk Leeann Galea tibqa' tirraprezenta biss lil Maria Assunta Galea li ghadha msiefra.**

**Il-Qorti:**
**PRELIMINARI**
1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenut proprio Joseph Galea minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali moghtija fis-26 ta' April 2005, li fiha gie ritenut u deciz hekk:
"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li taqra:

"Illi huwa ghandu jiehu minghand il-konvenuti s-somma ta' sitt elef hames mija u tmintax-il lira Maltin (Lm6518) rizultanti bhala bilanc dovut lill-esponenti minn gestjoni tal-proprjeta' mobbli tal-konvenuti gewwa Ghawdex matul diversi snin;

"Illi l-konvenuti qeghdin jirrifjutaw illi jhalsu l-ammont dovut minkejja diversi interpellazzjonijiet f'dan is-sens;

"Talab ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

"1. tapprova l-kontijiet prezentati mill-attur flimkien mac-citazzjoni bhala dokument 'A' u tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' sitt elef hames mija u tmintax-il lira Maltin (Lm6518) rizultanti bhala bilanc dovut minnhom lill-attur mill-imsemmija gestjoni;

“2. tikkundannha lill-konvenuti jhallsu lill-attur dina s-somma kif fuq dovuta flimkien mal-interessi legali fuq din l-istess somma b’effett mid-data tan-notifika lilhom ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Jannar 1995 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra msemmija, kontra l-konvenuti, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa imsejha.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-avukat Dottor Michael Grech nominat kuratur sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Maria Assunta Galea, li eccepixxa:

“1. illi huwa mhux edott mill-fatti li waslu ghal din il-kawza u ghalhekk f’dan l-istadju u b’riserva li jqanqal eccezzjonijiet ulterjuri wara li jkun ikkomunika ma’ Maria Assunta Galea qieghed jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta’ din l-Qorti;

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien ma’ l-elenku tax-xhieda.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Anne Attard nominata kuratrici deputata sabiex tirraprezenta lill-imsiefer Joseph Galea b’digriet tad-9 ta’ April 1996, li eccepiet:

“1. preliminarjament il-preskrizzjoni kwinkwennali ghar-rigward l-approvazzjonijiet tal-kontijiet kif kontemplat fl-Artikolu 2157 tal-Kodici Civili;

“2. preliminarjament ukoll il-preskrizzjoni kwinkwennali ghar-rigward l-allegat kreditu kif kontemplat fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

“3. fil-meritu, u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess, il-konvenuta nomine mhux debittrici lejn l-attur ghall-ebda ammont ta’ flus, anzi ghall-kuntrarju huwa l-istess attur li ghandu jaghti lill-konvenuta nomine ammonti sostanzjali ta’ flus u ghalhekk ghandha topera l-kompensazzjoni.

“4. salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha flimkien mal-lista tax-xhieda;

“Rat id-digriet ta’ din l-Qorti, diversament preseduta, fejn ghall-istess Mary Anne Attard, stante r-rinunzja taghha ta’ kuratrici deputata, giet sostitwita bl-Avukat Dr Kevin Mompalao.

“Rat ir-rikors tal-konvenut Joseph Galea u r-relattiv digriet ta’ din il-Qorti, diversament preseduta, fejn ammettiet lill-istess konvenut jassumi l-atti f’ismu.

“Rat folio 74 li l-konvenuta Sonia Galea tat prokura lill-konvenut Joseph Galea (zewgha) biex jidher ghaliha fl-atti ta’ din il-kawza;

“Ezaminat ix-xhieda;

“Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-pretensjonijiet ta’ l-attur huma spjegati mill-prospett ‘dok. A’ folio 5 tal-process li permezz tieghu qeghdin jigu reklamati mill-attur pagamenti u sborsamenti ta’ flus maghmula lil jew a beneficcju tal-konvenut fil-perjodu li l-attur kien qieghed jagixxi ta’ prokuratur ghall-konvenut Joseph Galea.

“L-imsemmi konvenut fl-affidavit tieghu li tinsab inserita fil-kawza citazzjoni numru 174/99 iddikjara b’referenza dina l-kawza li kien lest jirrifondi lill-attur dawk mill-pagamenti li verament jirrizultaw li gew sborsati mill-attur a beneficcju

tieghu. F’dan il-kuntest stqarr li kien dispost irodd lura l-pagament tal-funeral ta’ nanntu ‘jekk jirrizulta li xi hadd hallas minn butu’, ukoll l-assikurazzjonijiet tal-vettura u d-dghajsa u l-kont tal-Perit Vella u tad-dwana ‘jekk ma thallsux mill-kont bankarju’ li hu dak riferit fil-kawza l-ohra u li hemm d-dokumenti tieghu esebiti f’dawn l-atti. Cahad l-ammont ta’ elfejn u tliet mitt lira Maltin (Lm2,300) u tal-kera reklamat u rriserva l-posizzjoni dwar l-ammont ta’ erbat elef mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm4,175) effettwat mill-attur biex jibbilancja l-kont bankarju li ghalih saret referenza meta l-bank ddebita l-kont bl-import ta’ cekk bankarju li ghalih saret referenza fis-sentenza taghha stess fl-atti tac-citazzjoni 174/99.

“Mid-dokumenti tal-kont bankarju ma jirrizulta mkien fihom li l-hlas ta’ l-assikurazzjonijiet, ta’ l-arkitett u tad-dwana gew prelevati u mhalsa mill-imsemmi kont. Stante li l-konvenut ma gab ebda prova sabiex jikkontrobatti dan l-istat ta’ fatt li jirrizulta mid-dokumenti riferiti, dawn huma kwindi dovuti kif hu wkoll dovut, fuq li stqarr il-konvenut u mir-ricevuta appozita l-ispejjez konnessi mal-funeral ta’ nanntu.

“Dwar il-kumplament: l-erbat elef mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm4,175) ghandhom jigu imrodda lura kif gja spjegat fis-sentenza fil-kawza l-ohra; mhux ukoll pero’ l-ammonti ta’ kirjiet li minn imkien ma jirrizulta li kienu gew miftehma jew imhalsa, skond il-kaz, u lanqas l-ammont ta’ elfejn u tliet mitt lira Maltin (Lm2,300) liema pretensjoni ma tinsabx pruvata. Oltre dan hu palesi li l-ammont ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) m’hu assolutament dovut.

“Tiddeciedi u taqta’ ghalhekk li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta’ erbat elef erba’ mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm4,448.30) bl-imghax mil-lum sad-data ta’ l-effettiv pagament.

“L-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.”

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT JOSEPH GALEA</u>**

2. Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati b'din is-sentenza u interponew appell li fih talbu li din il-Qorti:
1. tirrevoka u thassar is-sentenza appellata kollha billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni tal-hames snin ta' l-appellanti u tichad it-talbiet attrici fil-konfront ta' l-appellanti tas-somom kollha kif elenkati fid-Dok A prezentat mill-attur appellat, u tilliberahom mill-gudizzju;

2. subordinatament, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn akkoljiet it-talba attrici in parte, u cioe` s-somma partikolari ta' Lm4,175, u tiddikjara illi dan l-ammont mhux dovut mill-appellanti minhabba negligenza kolpuza u doluza da parti tieghu, u tikkonferma il-passiv rizultanti favur l-attur appellat mill-gestjoni tieghu hija ta' Lm272.70.

3. tirriforma l-kap ta' l-ispejjez tas-sentenza appellata u tordna l-appellati Anton u Bella konjugi Cassar (*sic!*) ihallsu l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi."

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-ATTUR APPELLAT ANTON CASSAR</u>**

3. L-attur appellat Anton Cassar wiegeb li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, u stante li, skond l-attur, l-appell hu frivolu u vessatorju, anke jimmerita l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 223 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Fl-ewwel lok, ghandu jigi rilevat li l-mertu ta' din il-kawza, in segwitu ta' digriet f'dan is-sens moghti mill-Qorti ta' l-ewwel grad gie mismugh, trattat u deciz flimkien ma' kawza ohra fl-ismijiet **Joseph Galea v. Anton u Bella mizzewgin Cassar et noe et**. (Citazzjoni numru 174/99), u fil-fatt inghataw <u>zewg sentenzi</u> fl-istess jum. Jirrizulta wkoll li minn dawn <u>iz-zewg decizjonijiet</u> gie interpost appell minn Joseph Galea proprio (konvenut f'din il-kawza pero` attur fil-kawza l-ohra), u f'din il-kawza anke minn Maria Assunta Galea, u ghalhekk jidher utli u opportun li din il-Qorti tibqa' ssegwi l-istess binarju stabbilit mill-ewwel Qorti. Fil-fatt din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjonijiet inutli,

taghmel riferenza shiha ghal dak li gie deciz illum ukoll fil-kawza l-ohra surreferita, u li kopja taghha qeghda tigi annessa ma' din id-decizjoni.

5. Jigi rilevat li fil-bidu ta' l-aggravji taghhom, l-appellanti jaghmlu l-precizazzjoni segwenti, jigifieri,
"Illi dan l-appell qieghed isir principalment minhabba l-fatt illi s-sentenza appellata odjerna giet deciza flimkien ma' sentenza ohra (Citaz. 174/99) "Joseph Galea v. Anton Cassar et." moghtija fl-istess gurnata mill-istess Qorti fejn, *inter alia*, l-istess mertu li gie deciz b'rizultat illi seta' jghaddi in gudikat kemm-il darba ma jsirux appelli konkurrenti."

**<u>L-AGGRAVJU DWAR L-ECCEZZJONI TAL-PRESKRIZZJONI</u>**

L-ewwel aggravju huwa illi l-ewwel Onorabbli Qorti naqset illi tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet sollevati li jirrigwardaw il-preskrizzjoni kwinkwenali skond l-Art. 2157 u l-Art. 2156(f) tal-Kodici Civili. Illi t-talba attrici hija bbazata fuq re-imburs ta' nfieq li Cassar ghamel fil-gestjoni tal-proprjeta` mobbli tal-konvenuti l-konjugi Galea.

6. Bazikament l-appellanti jikkontendu li darba li l-proprjeta` mobbli ghaddiet ghand it-terz, ghaliex l-appellat iddispona minnha, u dan kien hekk fid-19 ta' Jannar 1988, allura sal-mument li huma gew ghall-ewwel darba interpellati ufficjalment mill-appellat, fit-3 ta' Jannar 1995, kien allura jfisser li kull talba relattiva kienet waqghet bil-preskrizzjoni ta' hames (5) snin a tenur ta' l-Artikolu 2157 tal-Kodici Civili. Bl-istess mod kwalsiasi pretensjoni dwar xi kreditu vantat mill-appellat giet ukoll preskritta in forza ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

7. Din il-Qorti, wara li anke hadet kont tas-sottomissjonijiet tal-kontroparti, hija tal-fehma li dan l-aggravju huwa infondat. L-ewwel nett, u dan konformement ma' dak li hemm deciz fil-kawza l-ohra (Citazzjoni numru 174/99), trattandosi hawn ta' ezekuzzjoni ta' mandat konsistenti f'diversi inkariki u

ramifikazzjonijiet ancillari, m'huwiex lecitu ghal xi parti li toqghod tixxindi billi tissepara (ghaliex hekk ikun konvenjenti ghaliha) bicca wahda mill-mandat minn ohra. Iktar minn hekk pero`, l-istess konvenut appellant fil-kawza l-ohra kien stqarr espressament "li kien lest jirrifondi lill-attur dawk mill-pagamenti li verament jirrizultaw li gew zborzati mill-attur a beneficcju tieghu." Minn dan jemergi kjarament li l-konvenut appellant stess qieghed, almenu b'mod implicitu, jirrinunzja ghall-preskrizzjoni. Anke fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant jirreferi ghal dak illi kienet eccepiet f'ismu l-kuratrici deputata tieghu dakinhar, jigifieri li:
"fil-meritu, illi (hu) mhux debitur u anzi huwa kreditur ta' l-attur sostanzjali u ghalhekk ghandha topera l-kompensazzjoni."

Minn dan isegwi li l-appellant qieghed "jiftah" id-dibattitu kollu kemm hu dwar dak li realment u effettivament kellu jigi mistharreg mill-Qorti. U fil-fatt dan hu sewwa sew dak li ghamlet l-ewwel Qorti, imqar jekk kien ikun ferm ahjar, minn punto di vista ta' procedura, li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet formalment respinta bi pronunzjament *ad hoc* u separat, kif sar fil-kawza l-ohra, ghalkemm dwar dan ma sar ebda ilment *ut sic.*

Dan l-aggravju ghalhekk huwa nfondat u qieghed jigi respint.

**L-AGGRAVJU DWAR IL-PAGAMENT**

8. Dan l-aggravju sar semplicement "pro forma" u b'riferenza espressa konsegwenzjali ghal dak li kellu jigi dibattut u deciz fil-kawza l-ohra surreferita, u li, kif gia` intqal *supra*, giet ukoll deciza llum. Din il-Qorti kwindi qeghda in propozitu taghmel riferenza ghal dak li gie hemm deciz minn din il-Qorti f'dik il-kawza u, ghall-istess raguni, ghal fini ta' dana l-appell, qeghda tirrespingieh (ara sentenza hawn annessa).

9. Maghdud is-suespost, din il-Qorti xorta wahda ma thossx li hemm l-estremi biex tikkundanna lill-appellant li jigi ppenalizzat biex ihallas l-ispejjez gudizzjarji ghal

darbtejn skond l-Artiklu 223 tal-Kap. 12, kif awspikat b'entuzjazmu (!) mill-kontroparti appellata.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenuti u tikkundannahom ihallsu interament l-ispejjez ta' dana l-appell.

Deputat Registratur
df

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza moghtija llum 30 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet Joseph Galea v. Anton Cassar et (Citazzjoni Numru 174/99) qed tigi annessa ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------